MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Numru. 458/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**KONTRA**

**PIETRU BORG ta' 65 sena, iben Manuel u Pawlanee Gauci, imwieled San Pawl il-Bahar nhar l-10.01.1947, residenti fil-fond Melita, Triq Mejjiesa (il-Manikata), Mellieha, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 87947M;**
**GODWIN PACE ta' 43 sena iben Joseph u Anna nee' Gauci, imwieled Tal-Pieta' nhar is-27.10.1968, residenti fil-fond numru 114, Springdale, Triq il-Fdal Puniku, Mgarr, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 445168M;**
**U BRIAN GALEA ta' 29 sena, iben Emanuel u Mary nee' Gauc, imwieled Tal-Pieta' nhar l-10.11.1982, residenti fil-fond numru 24, Heaven, Triq Dun Manwel Grima (Il-Manikata), Mellieha, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 640382M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Pietru Borg**, **Godwin Pace,** u **Brian Galea** li gew akkuzati talli:

- F'dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Mejju, 2007, f'Ghajn Tuffieha, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' wara nofsinhar, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Bonanna skond ma ccertifikatu Dr Jessica Muscat MD Reg No 2860 (Ch 9 Section 216).

Rat ix-xhieda ta' Jeannette Witlock, li xehdet bil-lingwa Ngliza wara li l-imputati ddikkjaraw li jifhmu bl-istess.

Xehdet illi kienet mal-bar gewwa Golden Bay u rat lil certu Charles li kien bil-boat. Qalet illi ratu miexi lejn 'l isfel mill-lukanda, u avvicinawh tlieta minn nies minn naha l-ohra li gebbduh it-tarag u qabzu fuqu, fi kliemha "…..they all set about him." (folio 27). Iddeskriviet "……they were actually punching him and kicking him all three, he fell to the ground and they first continued punching and kicking him all the time." (folio 28). Identifikat l-aggressuri bhala tlieta minn nies, l-imputati.
Qalet illi sakemm waslu hdejn l-aggredut, dan kien mimli kollu demm.

Ikkonfermat in kontro ezami li fil-gurnata ta' l-incident hi kienet marret fuq il-boat mal-vittma. Ikkonfermat illi hi rat l-incident, l-aggressjoni mill-bidu sal-ahhar.
Mistoqsija jekk hi kinitx iddiskutiet l-incident mal-vittma, wiegbet illi staqsietu biss kif kien.

William Oversby, ukoll xehed bil-lingwa Ngliza, qal illi anke hu ra tlitt irgiel "…punching and kicking another man on the steps leading from the beach of the hotel." (folio 38). Identifika lill-imputati bhala l-aggressuri. Spjega li huma kienu fuq boat trip, xi tnax jew hmistax-il persuna. Qal illi wiehed mill-imputati kien riekeb jet-ski (jet bike).

Dan beda jghajjat lejn il-pilota tal-boat, cioe' l-vittma. Ghaxar minuti wara ra l-incident bejn il-vittma u l-aggressuri. Spjega hekk l-aggressjoni:
"……they were punching each other and the one was on the ground and they were kicking him and then he stood up and all three of them were punching him……" (folio 40). Qal illi ghalih l-attakk sar bil-ponnijiet.

In kontro ezami kkonferma li ghalkemm hu ma kienx jaf l-allegat vittma, dan vera kien mar ikellimhom u staqsieh kif kien pero nnega li hu kien tkellem mieghu dwar l-incident. Qal illi kull ma jaf huwa li hadu fuq boat trip u lura.

Carmel Bonanno xehed illi hu kien gej minn Kemuna, nizzel in-nies mal-moll, minn fuq id-dghajsa tieghu. Dahal biha go Golden Bay. Qal illi kif kien baqa' 9 metri u ried iqabbad id-dghajsa mal-irmigg, talab lil Brian (Galea, ko-imputat) biex warrab biex ikun jista' jidhol. Qal illi qabad joffendieh b'ommu, jidghi bl-Ingliz.
Qal illi hu warrab, qabbad il-habel u nizzel in-nies. Hu u sejjer lura hebbew ghalih. Identifika lill-aggressuri tieghu bhala t-tliet imputati. Xehed illi tefghuh ma' l-art, bdew jaghtuh bis-sieq u bil-ponn.
Spjega li hu u sejjer lura biex idahhal xi affarijiet umbaghad imur id-dar, hu kien miexi fuq bicca beach privata ghax bil-fors minn hemm ried jghaddi.
Dwar l-imputati, qal illi dawn kienu joperaw il-jet-skis.
Qal illi kollha f'daqqa bdew jaghtuh.
Innega li hu qatt kellu xi jghid qabel ma' l-imputati, anzi qal illi kienet l-ewwel darba li tawh bl-idejn. Qal illi barra dik id-darba, Brian qatt ma kien kellmu hazin.

Gie ezebit ukoll certifikat mediku dwar il-griehi li sofra Carmelo Bonanno, deskritti bhala gravi per durata (folio 65, Dok CB4).
Dwar dan xehdet Dr Jessica Muscat. Ikkonfermat illi l-gerha li kellu Bonanno fil-wicc kienet lacerazzjoni ta' 4cm u li kienet prassi li tali lacerazzjoni tigi kklassifikata bhala gravi per durata.

Dr Alexander Azzoppardi, dentista, xehed li Bonanno snienu ccaqalqulu, ghalhekk lil Bonanno kien sarlu treatment biex jitpoggulu f'posthom snienu.

Dr Mario Scerri, mahtur ghal dan l-iskop, ezamina lil Bonanno. Ikkonferma li l-lezjonijiet li kellu kienu jidhru, li kienet cikatrici twila centimetru taht l-ghajn il-leminija, cikatrici rizultat ta' blunt trauma. Xehed ukoll dwar ic-caqlieq li dan sofra fi snienu (second incisor tooth) (folio 97).

In difesa xehed certu Jonathan Callus. Qal illi hu kien jahdem bhala chief security u li kien jaf lill-imputati li kienu joffru servizzi lill-klijenti ta' watersports. Xehed dwar zewg istanzi fejn hu kellu jkellem lil Charles Bonanno dwar il-fatt illi kien qieghed joffri s-servizzi tieghu, b'dan illi ghamilha cara mieghu li l-parti tal-lukanda kien ser jiehu hsiebha Peter (ko-imputat).
Ikkonferma li l-bicca zona tad-dghajjes demarkata kienet wahda li seta' juzaha kulhadd.
Ikkonferma li wara l-incident - li hu ma rax, ra lil Charles b'daqqiet f'wiccu.
Dwar l-ilmenti li rcieva minghand il-front desk li Bonanno kien qieghed javvicinahom biex juzaw is-servizzi tieghu, qal illi dan hu kien irceviehom mill-front desk u qatt ma kien hadhom direttament.

Carmel Bonanno rega' ttella' jixhed in kontro ezami. Qal, mistoqsi dwar il-marki f'wiccu, li snienu xorta bagqghu jiccaqalqulu. F'wiccu pero ma kienx jidhirlu li kellu marki. Qal illi minghand l-imputati hu ma ried xejn hlief li ma jersqux lejh. Anzi qal illi kien jahfrilhom. Mistoqsi jekk ghalih kinitx ghaddejja xi attivita' gol-bajja, xi tigrija tal-jet-skis, wiegeb illi ma kienx jidhirlu li kien il-kaz.
Qal illi hu lil Brian ma ndirizzahx b'mod aggressiv. Talbu biss biex izurlu minn nofs. Ikkonferma li ghalkemm ma kellmux hazin lil Brian, anke hu beda jghajjat, ghax fi kliemu ahna Maltin, pero nsista li gholla lehnu mhux li ghajjat. Qal illi hu biss talab lil Brian jiccaqlaq minn fuq il-baga tieghu biex inizzel in-nies. Spjega illi hu kellu permessi to embark u disembark il-passiggieri. Mistoqsi wkoll mid-Difiza jekk hu qatt kellux xi jghid ma' tad-diving

school, wiegeb illi kienu huma li qabdu l-irmigg tieghu ghax hu kien marbut. Anzi dan ix-xhud anke ezebixxa sensiela ta' cuttings mill-gazzetti ta' 'Star Awards' li matul is-snin ircieva mill-Awtorita' tat-Turizmu; u oltre hekk estratti minn gurnali, anke esteri, b'tifhir ghas-servizzi li kien jaghti hu.
Id-Difiza ssugeriet ukoll illi lil Bonanno qabel ma Brian mar fuqu, kien avvicinah Pietru Borg. Huwa nnega dan, anzi qal illi t-tlieta marru fuqu "Bumm!" (folio 144). Baqa' nsistenti li hadd mill-imputati ma mar ikellmu qabel ma aggredewh.

Rega' ngab jixhed Steven Watkinson, dive manager gewwa Golden Sands Resort. Qal illi kien ilu jahdem hemm minn Ottubru, 2009. Qal illi kien jaf kemm lill-akkuzati kif ukoll ll Bonanno. Qal illi ma' Bonanno kellu ncident is-sena ta' qabel, fis-sens illi Bonanno kien saq id-dghajsa tieghu f'parti ristretta fejn kien hemm l-ghaddasa. Qal illi dan meta mar ikellmu ma' tax kazu, "Waved him away." (folio 168). Dan ix-xhud qal illi l-ghada mar jerga' jkellmu biex jispjegalu r-restrizzjonijiet, pero dan qallu li ma kienx jinteressah u ried icaqlaq id-dive flag biex ikun jista' jidhol hu. Anzi dan ix-xhud qal illi Bonanno qal illi hu kellu licenzja.
Ikkonferma dan ix-xhud illi hu verament kellu licenzja biex inizzel l-ghaddasa "anywhere in the Maltese Islands." (folio 169).

Gew ezebiti wkoll l-istqarrijiet tat-tliet imputati mehuda fis-sena 2007, ovvjament fuori r-regime li jaghti dritt ta' assistenza legali lill-imputat.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Charles Steven Muscat vs Avukat Generali" deciza nhar it-08.10.2012.
Fir-rigward ta' Frar, 2010, fil-konfront ta' tali stqarrijiet din l-ghola Qorti qalet hekk:

"*Meta tqis ukoll illi l-attur ghad irid jghaddi mill-process penali bil-garanziji procedurali kollha li dan jaghti u fejn jingiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija tal-akkuzat;*

*illi matul dan il-process l-attur sejjer ikollu l-ghajnuna ta' l-avukat; u illi l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu li joqoghdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar htija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista' jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda – li ma tressqitx quddiem din il-Qorti – li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ntwera ebda ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq bit-tehid tal-istqarrija tal-attur minghajr ma kellu l-ghajnuna ta' avukat.*"

Illi certament din i-Qorti, fil-kompetenza taghha, bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali, hija kemm Imhallef tal-Ligi kif ukoll tal-fatt, u taf ben tevalwa l-provi lilha mressqa. In linea ma' dak espost ghadnu jigi rilevat ukoll illi l-ebda wahda mill-istqarrijiet prodotti ma gew attakkati biex b'hekk jigi stabbilit li huma vizzjali.

Illi detto tutto cio', din il-Qorti ser taghmel referenza skarsa ghall-istess. Jibqa' zgur in vigore l-principju li xejn dak li jghid ko-imputat ma jista' jingieb bhala prova kontra imptuat iehor.

Harsa skarsa lejn l-istqarrijiet tistabilixxi illi:
a. Pietru Borg ta daqqa ta' harta lil Bonanno;
b. Illi kollha jaqblu li t-tlieta marru biex ikellmuh ta' l-incident li kien inqala' ma' Brian. Jghidu li waqghu kollha ma' l-art, waqghu kollha fuq xulxin.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuza migjuba fil-konfront tat-tliet akkuzati hija wahda – dik li kkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Bonanno.

Illi bla dubbju ta' xejn bejn l-imputati u l-vittma kien hemm diverbju ghaddej fuq drittijiet ta' uzu tar-ramla u l-bajja. Kulhadd jippretendi li ghandu drittijiet u licenzji (ma ngabu

ebda provi a kontrarju). Tant hija kbira din il-kompetizzjoni li Bonanno sahansitra ezebixxa estratti minn gurnali li jaghtuh lodi kbar ghas-servizzi tieghu, sahansitra mill-Awtorita’ tat-Turizmu, mentri d-Difiza gabet jixhed lil certu Watkinson li xehed dwar incident li kellu ma’ Bonanno.

Illi nqala’ x’inqala’ bejn il-partijiet, pero, tenut kont li kulhadd ghandu drittijiet li jaqla’ x’jiekol mill-bajja u l-bahar, qatt ma huma gustifikati l-imputati li marru jiehdu s-sodisfazzjon ma’ Bonanno, sahansitra billi fizikament attakkawh. Dan umbaghad ghaliex skond id-Difiza fit-trattazzjoni taghha li ghamlet ampja referenza ghall-istqarrijiet, ghala Bonanno njorahom meta marru jkellmuh. Din mhix sitwazzjoni ta’ rissa imma ta’ attakk pur!!

Tfakkar il-Qorti fix-xhieda barranija, cioe’ Witlock u Oversby. Dawn kienu ferm cari fil-fatt li raw lil Bonanno jigi msawwat, aggredit mit-tliet imputati bis-sieq u bil-ponn sahansitra meta kien ma’ l-art.

Qalet sew id-Difiza li ghalkemm Dr Jessica Muscat iccertifikat il-lezjoni li sofra Bonanno fuq ghajnejh bhala gravi per durata, fil-fatt in konformi ma’ dak li xehed Dr Mario Scerri, din il-ferita hija wahda li taqa’ fit-terminu ta’ l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant din il-Qorti, tenut dak kollu premess, qieghda ssib htija ai terminu tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, rat il-fedini penali ezebiti, qieset ukoll illi l-vittma hafer l-aggressjoni maghmula fuqu, pero b’dan kolu tali aggressjoni gabet griehi ta’ natura gravi, ghalhekk mhux rinunzjabbli. Ma taqbilx din il-Qorti li hawn ghandu japplika l-Artikolu 446 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hija l-fehma taghha li tali aggressjonijiet ghandhom igorru piena aktar gravanti, ghaldaqstant, rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta’ Malta, u tikkundannahom ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs sospizi ghal tlitt snin;
Bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda wkoll tobbliga u torbot lill-imputati b’obbligazzjoni taghhom infushom ghall-ammont ta’

€1,500 u dan ghal sena mill-lum, li bl-ebda mod ma jdejqu jew jivvessaw lil Carmelo Bonanno.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------